

Brussell, 14 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10105/24

JAI 831
COPEN 257
ENFOPOL 294
EUROJUST 38
CORDROGUE 81
CATS 57

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9999/24	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Detenzjoni fuq skala żgħira: enfasi fuq ir-riabilitazzjoni soċjali u r-riintegrazzjoni fis-soċjetà"

Fil-laqgħa tiegħu tat-13 u l-14 ta' Ġunju 2024, il-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) approva sett ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Detenzjoni fuq skala żgħira: enfasi fuq ir-riabilitazzjoni soċjali u r-riintegrazzjoni fis-soċjetà". It-test kif approvat mill-Kunsill jinsab fl-[Anness](#).

Konklużjonijiet tal-Kunsill

"Detenzjoni fuq skala żgħira: enfasi fuq ir-riabilitazzjoni soċjali u r-riintegrazzjoni fis-soċjetà"

Introduzzjoni

- a) Il-Programm ta' The Hague tal-2004 u l-Programm ta' Stokkolma tal-2009 għarfu li d-detenzjoni u l-alternattivi għad-detenzjoni kienu qasam importanti tal-politika tal-UE dwar il-ġustizzja.
- b) Il-prijorità ewlenija tal-Aġenda Strateġika 2019-2024, adottata mill-Kunsill Ewropew fl-20 ta' Ġunju 2019, hija li tipproteġi ċ-ċittadini u l-libertajiet. Għal dak l-għan, l-Unjoni Ewropea għandha tiddefendi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini tagħha, kif rikonoxxuti fit-trattati, u tipproteġi liċ-ċittadini kontra theddid eżistenti u emerġenti. Fid-dawl ta' dan, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transfruntiera għandha tiġi estiża u msaħħa.
- c) Ir-rapport annwali tal-Europol tas-sitwazzjoni u t-tendenzi tat-terroriżmu (TE-SAT) indika li l-persuni detenuti jistgħu jkunu mira għal networks ta' reklutaġġ għat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata¹. Huwa kruċjali li dan il-fenomeno jiġi miġġieled b'mod attiv.
- d) L-Aġenda Strateġika 2019-2024 tirrappreżenta wkoll bidla lejn futur aktar ekoloġiku, aktar ġust u aktar inklużiv. L-indirizzar tad-diversi forom ta' detenzjoni bl-oġettivi tas-sostenibbiltà u r-riintegrazzjoni soċjali jirrifletti daww il-prijoritajiet trażversali.

¹ Ir-rapporti tal-Europol tas-sitwazzjoni u t-tendenzi tat-terroriżmu tal-UE 2022 u 2023.

- e) Il-Kunsill tal-Ewropa għandu tradizzjoni twila li jindirizza kwistjonijiet relatati mad-detenzjoni u kiseb profondità kbira ta' għarfien f'dan il-qasam. Il-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament jew Pieni Inumani jew Degradanti (CPT) jivvaluta kif il-persuni detenuti jiġu ttrattati u jippubblika rapporti u rakkomandazzjonijiet regolari sabiex jissaħħaħ ir-rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom.
- f) Fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-titjib tar-reazzjoni tal-ġustizzja kriminali għar-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti², adottati fl-20 ta' Novembru 2015, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex talloka bħala kwistjoni ta' urġenza r-riżorsi finanzjarji meħtieġa għas-segwitu għal dawk il-konklużjonijiet tal-Kunsill, b'mod partikolari b'appoġġ għall-iżvilupp ta' programmi ta' riabilitazzjoni, kif ukoll għodod għall-valutazzjoni tar-riskju biex jiġi ddeterminat ir-rispons l-aktar adatt għall-ġustizzja kriminali, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali u t-tħassib marbut mas-sigurtà u s-sikurezza pubblika.
- g) Fis-sentenza tagħha Aranyosi/Căldăraru³ tal-5 ta' April 2016 u s-sentenzi ta' segwitu, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rrikonoxxiet l-importanza tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fil-kuntest tar-rikonoxximent reċiproku u t-tħaddim tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI fir-rigward tal-mandat ta' arrest Ewropew⁴.
- h) L-Unjoni Ewropea enfasizzat ripetutament l-importanza tal-proċessi ta' riintegrazzjoni u riabilitazzjoni, f'konformità mad-drittijiet fundamentali⁵.

² Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tar-reazzjoni tal-ġustizzja kriminali għar-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, 14350/15.

³ Is-sentenza tal-5 ta' April 2016 fil-Kawżi Konġunti C-404/15 u C-659/15, Aranyosi u Căldăraru, EU:C:2016:198.

⁴ Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, ĠU L 190, 18.7.2002, pp. 1–20.

⁵ Ara pereżempju d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI dwar pieni ta' kustodja, il-premessa 9 u l-Artikolu 4(2) dwar ir-riabilitazzjoni soċjali bħala wieħed mill-għanijiet ta' dik id-Deċiżjoni Qafas.

- i) Fir-risoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2017 dwar is-sistemi penitenzjarji u l-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet⁶, il-Parlament Ewropew stieden lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-unitajiet żgħar b'akkomodazzjoni għal għadd ristrett ta' persuni miżmuma l-ħabs sabiex jipprevjenu r-reċidività u jinkoraġġixxu r-riintegrazzjoni fis-soċjetà.
- j) Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku bit-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka⁷, adottati fis-7 ta' Diċembru 2018, l-Istati Membri ġew imħeġġa jagħmlu użu minn miżuri alternattivi għad-detenzjoni sabiex titnaqqas il-popolazzjoni fil-faċilitajiet ta' detenzjoni tagħhom, u b'hekk jitkompla l-għan tar-riabilitazzjoni soċjali u jiġi indirizzat ukoll il-fatt li l-fiduċja reċiproka spiss tkun imfixkta minn kundizzjonijiet ta' detenzjoni ħżiena u l-problema ta' faċilitajiet ta' detenzjoni ffullati żżejjed.
- k) Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar miżuri alternattivi għad-detenzjoni⁸, adottati fit-3 ta' Diċembru 2019, l-Istati Membri ġew imħeġġa jiġġieldu l-popolazzjoni eċċessiva fil-ħabs u jippromwovu r-riintegrazzjoni tat-trasgressuri fis-soċjetà b'kont meħud tal-impatt fuq it-tnaqqis tar-reċidività u r-riskju tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet. F'dawk il-konklużjonijiet tal-Kunsill, ġie nnutat ukoll li s-sanzjonijiet u l-miżuri kriminali użati, u l-mod kif dawn jiġu infurzati jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tar-reċidività u b'hekk jaffettwaw is-sigurtà fis-soċjetà.
- l) Dawk il-konklużjonijiet enfasizzaw ukoll li l-iskambju tal-aħjar prattiki huwa mod utli li bih l-Istati Membri jistgħu jitgħallmu minn xulxin u jtejbju l-leġiżlazzjoni, il-proċeduri u l-prattiki tagħhom stess. L-UE tista' tibbenefika wkoll minn kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet rilevanti oħra.

⁶ Ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2017 dwar is-sistemi penitenzjarji u l-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet, ĠU C 346, 27.9.2018, pp. 94–104.

⁷ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill fuq ir-rikonoxximent reċiproku f'materji kriminali — "Promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku bit-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka", ĠU C 449, 13.12.2018, pp. 6–9.

⁸ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar miżuri alternattivi għad-detenzjoni: l-użu ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni fil-qasam tal-ġustizzja kriminali, ĠU C 422, 16.12.2019, pp. 9–13.

- m) Fil-laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tas-7 u t-8 ta' Ottubru 2021, id-diskussjonijiet irriflettew l-impenn konġunt tal-ministri biex ikompli jtejb u l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, abbażi tal-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji.
- n) L-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), il-Eurojust, in-*Network* Ġudizzjarju Ewropew f'materji kriminali u l-prattikanti li jaħdmu ta' kuljum bi strumenti ta' rikonossiment reċiproku fil-qasam ta' -ċaħda tal-libertà għandhom, jekk xieraq, jistinkaw biex isibu u jimplimentaw soluzzjonijiet għall-isfidi attwali, inkluż għat-titjib tal-istrateġiji ta' riabilitazzjoni u riintegrazzjoni.
- o) L-Organizzazzjoni Ewropea tal-Ħabsijiet u s-Servizzi Korrettivi (EuroPris) tappoġġa lil dawk li jfasslu l-politika f'kapacià konsultattiva dwar kwistjonijiet relatati mal-ħabsijiet. Tibni wkoll relazzjonijiet u tiskambja informazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħra li jaħdmu fil-qasam tal-ġustizzja kriminali bil-ħsieb li tiġi żviluppata l-aħjar Prattika fil-qasam. Ir-regoli tal-EuroPris enfasizzaw li metodu ta' ħidma bbażat fuq il-bini ta' relazzjonijiet ma' persuni fil-ħabs permezz ta' komunikazzjoni u interazzjoni jikkontribwixxi biex jiġu żgurati s-sikurezza, is-sigurtà u l-ordni tajba, kif ukoll għar-riabilitazzjoni u t-tnejja għall-ħelsien.
- p) Il-bażi ta' data dwar id-detenzjoni kriminali tal-FRA, immedja f'Diċembru 2019, tipprovdi ħarsa ġenerali tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istati Membri kollha, u hija għodda utli u aċċessibbli għall-pubbliku għall-awtoritajiet ġudizzjarji li jħabbtu wiċċhom ma' mistoqsijiet dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni. Ir-rapport tal-FRA "Criminal detention conditions in the European Union: rules and reality" jiddeskrivi l-istandards minimi ta' detenzjoni kriminali magħżula fl-Istati Membri.
- q) Fit-8 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni dwar id-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u tal-persuni akkużati soġġetti għal arrest preventiv u dwar il-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni⁹.

⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/681 tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar id-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u tal-persuni akkużati soġġetti għal arrest preventiv u dwar il-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni, *ĠU L 86*, 24.3.2023, pp. 44–57.

- r) Flimkien mal-istandards minimi għall-kundizzjonijiet ta' detenzjoni f'konformità mad-drittijiet fundamentali, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Istati Membri jinvestu fir-riabilitazzjoni soċjali ta' persuni detenuti, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet individwali tagħhom. Sabiex jgħinu lill-persuni detenuti jħejju għall-ħelsien tagħhom u jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tagħhom fis-soċjetà, jeħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-persuni detenuti kollha jkollhom aċċess għal programmi edukattivi sikuri, inklużivi u aċċessibbli li jissodisfaw il-ħtiġijiet individwali tagħhom filwaqt li jkunu kkunsidrati l-aspirazzjonijiet tagħhom.
- s) Il-programm tal-Kunsill ta' 18-il xahar li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sal-31 ta' Diċembru 2024 jagħti prijorità lill-kooperazzjoni ġudizzjarja u jtejjeb l-effiċjenza u r-reżiljenza ġenerali tas-sistemi ġudizzjarji, kif ukoll jiġġieled ir-riskju tal-esklużjoni soċjali ta' dawk li huma l-aktar vulnerabbli jew friskju ta' esklużjoni, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.
- t) Fil-laqgħa informali tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tas-26 ta' Jannar 2024, l-Istati Membri esprimew ir-rieda li jirriflettu aktar dwar faċilitajiet ta' detenzjoni fuq skala żgħira.
- u) Is-Simpożju Ewropew dwar id-Djar ta' Detenzjoni tal-20 u l-21 ta' Marzu 2024, organizzat min-network RESCALED¹⁰ taħt l-awspiċċi tal-Presidenza Belġjana, iffoka fuq id-detenzjoni u d-djar ta' detenzjoni fuq skala żgħira. Matul is-simpożju, intwera li d-detenzjoni fuq skala żgħira tikkontribwixxi għal sens aħjar ta' komunità u integrazzjoni soċjali aħjar u tista' twassal għal rata aktar baxxa ta' reċidività. Għalhekk dawn il-forom ta' detenzjoni jikkontribwixxu biex jinkiseb l-oġettiv ta' komunitajiet aktar sikuri u kriminalità aktar baxxa.

¹⁰ RESCALED hija organizzazzjoni Ewropea ta' network b'membri fl-Awstrija, fil-Belġju, fiċ-Ċekja, fil-Kroazja, fil-Finlandja, fi Franza, fil-Ġermanja, fl-Irlanda, fil-Kosovo, f'Malta, fin-Netherlands, fin-Norveġja, fil-Portugall, fir-Rumanija u fi Spanja. RESCALED għandha uffiċċji nazzjonali f'sitt pajjiżi: Il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, in-Netherlands, in-Norveġja u l-Portugall. L-uffiċċji nazzjonali, membri u organizzazzjonijiet sħab differenti jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' djar ta' detenzjoni bil-mod tagħhom.

- v) Il-persuni miżmuma l-ħabs, u li qabel kienu l-ħabs, huma ċittadini partikolarment vulnerabbli għall-esklużjoni soċjali u l-miri tal-2030 stabbiliti fl-oqsma tal-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jikkonċernaw lilhom ukoll.
- w) Id-detenzjoni tibqa' għodda indispensabbli fis-sistemi tal-ġustizzja kriminali tagħna. Forom differenti ta' detenzjoni jew tipi differenti ta' faċilitajiet jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti u l-ħtiġijiet distinti ta' gruppi differenti ta' persuni detenuti, skont firxa ta' kriterji, bħall-età, il-ġeneru, iċ-ċirkostanzi soċjoekonomiċi, in-natura tar-reat imwettaq, l-eżitu ta' valutazzjoni tar-riskju, ir-relazzjonijiet mal-vittma, u jekk il-persuna tkunx qed tinżamm taħt arrest preventiv jew hijiex qed tiskonta sentenza ta' kustodja. L-ambjent l-aktar xieraq tad-detenzjoni jista' jinbidel ukoll matul il-perjodu ta' detenzjoni.
- x) Riċerka estensiva u Prattiki tajbin li diġà jeżistu f'diversi Stati Membri wrew li l-faċilitajiet ta' detenzjoni fuq skala żgħira huma mezz biex jissawru approċċi individwali għar-riabilitazzjoni soċjali, jinbnew relazzjonijiet individwali u jissawru l-interazzjonijiet soċjali, u tingħata prijorità biex jitrawmu r-responsabbiltà u l-involvement reċiproku permezz tal-integrazzjoni fil-komunità lokali. Faċilitajiet ta' detenzjoni fuq skala żgħira għandhom jinftiehem bħala strutturi b'kapasità iżgħar meta mqabbla ma' ħabsijiet fuq skala kbira. Din il-kapasità iżgħar tista' tkun ta' benefiċċju f'termini ta' ambjent tal-ġhajxien, sigurtà dinamika, inklużjonijiet soċjali, u għalhekk atmosfera aħjar għar-riintegrazzjoni. Id-djar ta' detenzjoni – li huma forma ta' detenzjoni fuq skala żgħira – għandhom jinftiehem bħala faċilitajiet fuq skala żgħira, differenzjati u integrati fil-komunità bi programmi xierqa li jiffukaw fuq ir-riabilitazzjoni soċjali u r-riintegrazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet individwali u b'enfasi fuq it-trawwim tal-awtonomija u t-teħid tar-responsabbiltà.

- y) Il-faċilitajiet ta' detenzjoni fuq skala żgħira eżistenti fl-Istati Membri u l-progress li diġà sar f'dan il-qasam għandhom jintlaqgħu tajjeb.
- z) Il-faċilitajiet ta' detenzjoni fuq skala żgħira jippromwovu l-ħolqien ta' soċjetà inklużiva permezz ta' approċċi innovattivi li jindirizzaw l-isfidi soċjali, kif prijoritizzat fil-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.
- aa) Il-faċilitajiet ta' detenzjoni fuq skala żgħira jistgħu jgħinu fil-prevenzjoni tar-reċidività, jiżguraw ir-riabilitazzjoni soċjali u r-riintegrazzjoni ta' persuni detenuti, u jgħinu biex jinbnew komunitajiet aktar inklużivi.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

Kunsiderazzjonijiet ġenerali:

1. L-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea għandhom sehem ewlieni fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, inkluż id-drittijiet tal-persuni detenuti.
2. L-għan li jiġu promossi r-riabilitazzjoni soċjali u r-riintegrazzjoni ta' persuni detenuti li qed jiskontaw sentenzi ta' kustodja huwa riaffermat.
3. Ir-riabilitazzjoni soċjali għandha sehem importanti fir-riintegrazzjoni b'suċċess fis-soċjetà tal-persuni detenuti, u tnaqqas il-possibbiltajiet ta' reċidività.
4. L-investment fl-iżvilupp ta' programmi ta' riabilitazzjoni, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi individwali ta' persuni detenuti, jista' jittqies bħala rispons potenzjali tal-ġustizzja kriminali għar-radikalizzazzjoni.
5. Id-detenzjoni fuq skala żgħira tista' ttejjeb kemm il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-persunal fil-faċilitajiet ta' detenzjoni kif ukoll il-kwalità tal-ħajja tal-persuni detenuti, u tiffaċilita l-ħolqien ta' klima kostruttiva għar-riintegrazzjoni.

6. Il-faċilitajiet ta' detenzjoni fuq skala żgħira jistgħu jikkontribwixxu aktar għar-rispett tad-drittijiet fundamentali u jistgħu jżidu s-sens ta' sigurtà fil-faċilitajiet ta' detenzjoni.
7. Interazzjoni rispettuża u kostruttiva ma' u bejn persuni detenuti tikkontribwixxi biex jitrawmu r-responsabbiltà u l-awtonomija u biex ikun hemm integrazzjoni fil-komunità lokali.
8. Faċilitajiet ta' detenzjoni fuq skala żgħira li jipprovdu gwida għar-ritorn lejn is-soċjetà, bħala wieħed mill-modi possibbli biex jiġu ffaċilitati r-riabilitazzjoni soċjali u r-riintegrazzjoni, jistgħu jikkontribwixxu biex jiġu minimizzati l-effetti negattivi tad-detenzjoni u r-riskju ta' reċidività.
9. L-involvement tal-komunità kollha kemm hi u l-kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet lil hinn mis-sistema tal-ġustizzja kriminali huma ta' importanza vitali biex jinkisbu r-riintegrazzjoni u l-prevenzjoni tar-reċidività.
10. Meta jiġu esplorati l-użu u l-benefiċċji tad-detenzjoni fuq skala żgħira, huwa importanti li jitqiesu l-partikolaritajiet u l-karatteristiċi speċifiċi tal-Istati Membri, inkluż sistemi legali u għażliet ta' politika differenti.

Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri:

11. Jesploraw aktar l-ambitu u l-benefiċċji potenzjali ta' forum ta' detenzjoni fuq skala żgħira, differenzjata u integrata fil-komunità, inkluż djar ta' detenzjoni, meta mqabbla ma' istituzzjonijiet kbar ta' ħabs.
12. Iżidu l-għarfien dwar il-benefiċċji potenzjali ta' detenzjoni fuq skala żgħira, inkluż djar ta' detenzjoni.
13. Fejn xieraq, jikkunsidraw li jippermettu l-użu ta' detenzjoni fuq skala żgħira u forum alternattivi oħra ta' detenzjoni li jiffaċilitaw ir-riabilitazzjoni soċjali ta' persuni detenuti, bl-għan li l-awturi tar-reati jiġu mħejjija aħjar għar-riintegrazzjoni fis-soċjetà u li tiġi appoġġata l-prevenzjoni tar-reċidività.
14. Jikkunsidraw, fejn xieraq, l-użu ta' faċilitajiet ta' detenzjoni fuq skala żgħira għal finijiet ta' kustodja, inkluż djar ta' detenzjoni, bl-għan li jiġu limitati l-impatti negattivi tad-detenzjoni, u tiġi żgurata gwida aħjar għall-persuni miżmuma l-ħabs fir-ritorn lejn is-soċjetà.

15. Fejn jintużaw faċilitajiet ta' detenzjoni fuq skala żgħira, jistabbilixxu kriterji tal-għażla għal persuni detenuti, bħan-natura tar-reat imwettaq, l-eżitu ta' valutazzjoni tar-riskju u l-interessi tal-vittmi. F'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-prattiki nazzjonali, id-detenzjoni fuq skala żgħira jew forom alternattivi ta' detenzjoni jistgħu jiġu kkunsidrati għal persuni vulnerabbli bħal persuni b'diżabilità, nisa matul it-tqala u wara l-ħlas, tfal li jaqbżu l-età ta' responsabbiltà kriminali u adulti żgħażaġh.
16. Jikkunsidraw l-implimentazzjoni ta' aspetti ta' diġitalizzazzjoni fil-faċilitajiet ta' detenzjoni fuq skala żgħira, u, fejn xieraq, wara valutazzjoni tar-riskju u kunsiderazzjoni tal-interessi tal-vittmi, jikkunsidraw li jippermettu komunikazzjoni b'mezzi diġitali, sabiex il-persuni detenuti jkunu jistgħu jżommu kuntatt mal-familji tagħhom, itejbu l-awtonomija biex japplikaw għal impjieg jew ikomplu bl-impjieg tagħhom, jieħdu korsijiet ta' taħriġ jew ifittxu akkomodazzjoni bħala tħejjija għall-ħelsien.
17. Ifasslu Prattiki tajbin fl-użu ta' detenzjoni fuq skala żgħira u jaqsmu din l-informazzjoni mal-istituzzjonijiet u l-aġenziji rilevanti fl-Unjoni Ewropea u Stati Membri oħra.
18. Iqisu r-rakkomandazzjonijiet imniżżla fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni msemmija tat-8 ta' Diċembru 2022.
19. Jikkunsidraw id-detenzjoni fuq skala żgħira, inkluż djar ta' detenzjoni, bħala mod kif il-komunitajiet isiru aktar inklużivi, u fl-aħħar mill-aħħar jikkontribwixxu għal futur aktar ġust u aktar inklużiv għall-persuni detenuti.
20. Jipprovdu taħriġ immirat għall-persunal u l-prattikanti f'faċilitajiet ta' detenzjoni fuq skala żgħira dwar metodi ta' ħidma, etika u proċeduri professjonali biex jiżguraw sigurtà aħjar, interazzjoni mal-persuni detenuti u tħejjija għar-riabilitazzjoni soċjali u r-riintegrazzjoni.

21. Fejn xieraq, jipprovdu lill-persuni detenuti f'detenzjoni fuq skala żgħira b'opportunitajiet biex jiksbu xogħol bi ħlas ta' natura utli jew appoġġ għall-integrazzjoni soċjali u professjonali u programmi edukattivi aċċessibbli.
22. Jikkunsidraw it-titjib tal-kapaċitajiet u r-riżorsi tas-servizzi soċjali u servizzi u atturi oħra li jintervjenu fid-detenzjoni, inkluż f'faċilitajiet ta' detenzjoni fuq skala żgħira, bl-għan li jikkontribwixxu għar-riintegrazzjoni soċjali u jtejbu l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni.

II-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni:

23. Tivvaluta l-ħtieġa li jiġi studjat u analizzat l-użu ta' faċilitajiet ta' detenzjoni fuq skala żgħira fl-Istati Membri kollha sabiex jiġi appoġġat it-tixrid ta' prattiki tajba nazzjonali u tiġi pprovduta bażi ta' evidenza possibbli għall-użu ta' detenzjoni fuq skala żgħira bħala mudell effettiv ta' kustodja li jżid ir-riabilitazzjoni u jnaqqas ir-reċidività.
24. Billi torganizza laqgħat ta' esperti, iżżid l-għarfien u l-iskambju ta' prattiki tajba bejn dawh li jfasslu l-politika u l-prattikanti legali dwar detenzjoni fuq skala żgħira, differenzjata u integrata fil-komunità u kif jingħelbu l-isfidi u l-ostakli.
25. Fejn xieraq u filwaqt li tqis is-sitwazzjoni u l-karatteristiċi speċifiċi tal-Istati Membri, tippromwovi l-użu ta' detenzjoni fuq skala żgħira, inkluż djar ta' detenzjoni, bħala parti mill-aġenda tagħha biex tissalvagwarda d-drittijiet protetti mill-politiki Ewropej fl-oqsma tal-ġustizzja, l-edukazzjoni, is-saħħa u l-benesseri, l-impjegi, l-affarijiet u l-inklużjoni soċjali, u l-ħajja tal-familja.

26. Tesplora opportunitajiet ta' finanzjament taħt fondi eżistenti u futuri possibbli tal-UE, mingħajr preġudizzju għall-oqfsa finanzjarji pluriennali futuri, għall-istabbiliment u l-iżvilupp ulterjuri u l-implimentazzjoni ta' detenzjoni fuq skala żgħira, inkluż djar ta' detenzjoni, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ma' kunsilli tal-bliet, proġetti pilota, protokoll ta' taħriġ u metodoloġiji għall-persunal.
27. Thegħgeġ lill-Istati Membri jfittxu finanzjament taħt fondi eżistenti u futuri possibbli tal-UE.
28. Tesplora opportunitajiet ta' finanzjament għal organizzazzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' detenzjoni fuq skala żgħira, bħall-Forum Ewropew għall-Ġustizzja Restorattiva (EFRJ), it-Tfal tal-Priġunieri fl-Ewropa (COPE), l-Akkademji Ewropej għat-Taħriġ fil-Ħabsijiet (EPTA), il-EuroPris u l-Konfederazzjoni Ewropea tal-Probation (CEP).

II-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri:

29. Jaħdmu mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa u ma' organizzazzjonijiet, istituzzjonijiet u aġenziji rilevanti oħra biex jirrifletti dwar l-aħjar kooperazzjoni u sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-possibbiltà li tiġi żviluppata u użata detenzjoni fuq skala żgħira, inkluż djar ta' detenzjoni, bħala alternattiva għad-detenzjoni fuq skala kbira.